A.L. 489 tal-2011

ATT DWAR IL-KONTROLL TAL-PESTIĊIDI (KAP. 430)

Regolamenti tal-2011 dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikoli 4 u 5 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Prim Ministru u mal-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2011 dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fis-26 ta' Novembru, 2011.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Ottubru, 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja sabiex isir l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom x'jaqsmu mal-awtorizazzjoni, it-tqegħid fis-suq, l-użu u l-kontroll tal-prodotti tal-ħarsien tal-pjanti fil-forma kummerċjali u t-tqegħid fis-suq u l-kontroll tas-sustanzi attivi intiżi għall-użu speċifikat fir-regolament 2.

(5) Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-pestiċidi li huma prodotti ta' ħarsien tal-pjanti kif hemm fir-regolament 2.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx ifixklu lid-Direttur milli japplika l-prinċipju ta' prekawzjoni li jirrestrinġi jew li jipprojbixxi l-użu tal-pestiċidi fiċ-ċirkostanzi jew oqsma partikolari.

Tifsir.

2. Għall-finijuiet ta' dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet li ġejjin:

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi; Kap. 430.

"bexx mill-ajru" tfisser applikazzjoni ta' pestiċidi minn inġenju tal-ajru, kemm jekk b'ajruplan jew ħelikopter;

"distributur" tfisser kull persuna fiżika jew legali li tagħmel pestiċida disponibbli fis-suq, inklużi bejjiegħa bl-ingrossa, bejjiegħa

bl-imnut u kull tip ta' bejjiegħa u fornituri oħrajn;

"ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara" tfisser konsiderazzjoni attenta tal-metodi kollha disponibbli għall-ħarsien tal-pjanti u l-integrazzjoni sussegwenti ta' miżuri xierqa li jiskoraġġixxu l-iżvilupp ta' popolazzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara u li jżommu l-użu tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti u forom oħra ta' intervent f'livelli li huma ġustifikati ekonomikament u ekoloġikament u li jnaqqsu jew jimminimizzaw ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Il-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara tenfasizza t-tkabbir ta' uċuħ tar-raba' b'saħħithom bl-inqas xkiel possibbli għall-agro-ekosistemi u tinkoraġġixxi mekkaniżmi naturali ta' kontroll tal-organiżmi ta' ħsara;

"indikatur tar-riskju" tfisser ir-riżultat ta' metodu ta' kalkolu li jintuża għall-evalwazzjoni tar-riskji tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u, jew l-ambjent;

it-tifsiriet "ilma tal-wiċċ" u "ilma ta' taħt l-art" għandhom l-istess tifsira bħal dik fir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma; L.S. 423.20

"konsulent" tfisser kull persuna li tkun kisbet konoxxenza adegwata u tagħti pariri dwar il-ġestjoni tal-organiżmi ta' ħsara u l-użu sigur tal-pestiċidi fil-kuntest ta' kapaċità professjonali jew servizz kummerċjali li jkun jinkludi servizzi ta' konsulenza privati minn min jaħdem għal rasu u servizzi ta' konsulenza pubbliċi, aġenti kummerċjali, produtturi tal-ikel u bejjiegħa bl-imnut meta jkun japplika;

"metodi mhux kimiċi" tfisser metodi alternattivi għall-pestiċidi kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-ġestjoni tal-organiżmi ta' ħsara, ibbażati fuq tekniċi agroekonomiċi bħal dawk imsemmija fil-punt 1 tal-Iskeda III, jew metodi fiżiċi, mekkaniċi jew bijoloġiċi għall-ġestjoni tal-organiżmi ta' ħsara;

"pestiċida" tfisser:

(a) prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kif definit fir-Regolament (KE) Numru 1107/2009 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill Numru 79/117/KEE u l-91/414/KEE kif implimentat bir-Regolamenti li jimplimentaw ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti; L.S. 430.07

(b) prodott bijoċidali kif hemm fir-Regolamenti dwar il-Bijoċidi; L.S. 430.03

"tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi" tfisser apparat maħsub b'mod speċifiku għall-applikazzjoni tal-pestiċidi, li jkun jinkludi aċċessorji li huma essenzjali għat-tħaddim effettiv ta' tagħmir bħal dan, bħal żnienen, manometri, filtri, passaturi u apparat għat-tindif tat-tankijiet;

"utent professjonali" tfisser kull persuna li tuża l-pestiċidi fil-kors tal-attivitajiet professjonali tagħha, inklużi l-operaturi, tekniċi, min iħaddem u persuni illi jaħdmu għal rashom, kemm fil-qasam tal-biedja kif ukoll f'setturi oħrajn.

Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali.

3. (1) (a) Id-Direttur għandu jadotta Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni sabiex jistabbilixi objettivi, miri, miżuri u skedi ta' żmien kwantitattivi biex inaqqsu r-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent u biex jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-introduzzjoni tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara u ta' approċċi jew tekniki alternattivi sabiex inaqqsu d-dipendenza fuq l-użu tal-pestiċidi. Dawn il-miri jistgħu jkopru żoni ta' tħassib, pereżempju l-ħarsien tal-ħaddiema, il-ħarsien tal-ambjent, ir-residwi, l-użu ta' tekniki speċifiċi jew l-użu ta' prodotti tar-raba' speċifiċi.

(b) Il-pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali jistgħu wkoll jinkludu indikaturi tas-sorveljanza tal-użu ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi ta' tħassib partikolari, speċjalment jekk ikun hemm alternattivi disponibbli għalihom. Id-Direttur għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-prodotti ta' ħarsien tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi approvati skont ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti li, meta jkunu soġġetti għat-tiġdid tal-awtorizazzjoni taħt ir-Regolament (KE) Nru. 1107/2009 kif implimentat bir-Regolamenti li jimplimentaw ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsient tal-Pjanti ma jkunux jilħqu l-kriterji rilevanti għall-approvazzjoni kif stipulat fl-Anness II, punti 3.6 sa 3.8 ta' dak ir-Regolament.

L.S. 430.01

L.S. 430.07

(ċ) Fuq il-bażi ta' dawn l-indikaturi u filwaqt illi, meta jkun applikabbli, jitqiesu il-miri ta' tnaqqis fir-riskju jew fl-użu li jkunu diġà inkisbu qabel l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, għandhom ukoll jiġu stabbiliti skedi ta' żmien u miri għat-tnaqqis tal-użu, b'mod partikolari jekk it-tnaqqis tal-użu jikkostitwixxi mezz adegwat sabiex jinkiseb it-tnaqqis tar-riskju fir-rigward tas-suġġetti prijoritarji identifikati fir-regolament 14(2)(ċ). Dawn il-miri jistgħu ikunu intermedji jew inkella finali. Id-Direttur għandu jagħmel użu tal-mezzi kollha neċessarji sabiex jintlaħqu dawn il-miri.

(d) Meta jfassal u jirrevedi l-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni, id-Direttur għandu jagħti konsiderazzjoni lill-impatti fuq is-saħħa, l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-miżuri previsti, tal-kundizzjonijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali u lokali u tal-gruppi tal-partijiet interessati rilevanti kollha. Id-Direttur għandu jiddeskrivi fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali kif miżuri li jsiru skont ir-regolamenti 4 sa 14 ser jiġu implimentati sabiex jintlaħqu l-objettivi msemmijin fil-paragrafu (a). Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għandu jqis il-pjanijiet taħt regolamenti oħrajn fl-użu ta' pestiċidi, bħalma huma pereżempju, il-miżuri ppjanati skont ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma.

S.L. 423.20

(2) Id-Direttur għandu, sa mhux aktar tard mill-26 ta' Novembru, 2012, jikkomunika l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn. Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għandu jiġi rivedut mill-anqas kull ħames snin u kull tibdil sostanzjali lill-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għandu jiġi rapportat lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

(3) Id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni pubblika stipulati fir-Regolamenti dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi għandhom japplikaw għall-preparazzjoni u l-modifikazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali.

S.L. 504.69

Taħriġ, bejgħ ta' pestiċidi, informazzjoni u sensibilizazzjoni

4. (1) (a) Id-Direttur għandu jiżgura li l-utenti professjonisti kollha, id-distributuri u l-konsulenti għandhom aċċess għal taħriġ xieraq minn korpi maħtura mill-awtorita kompetenti. Dan għandu jikkonsisti kemm minn taħriġ inizjali kif ukoll minn taħriġ addizzjonali biex tinksieb il-konoxxenza u biex din il-konoxxenza tiġi aġġornata kif xieraq.

(b) It-taħriġ għandu jkun imfassal sabiex jiżgura li dawk l-utenti, distributuri u konsulenti jiksbu konoxxenza suffiċjenti dwar is-suġġetti elenkati fl-iSkeda I, waqt li jitqiesu r-rwoli u r-responsabilitajiet differenti tagħhom.

(2) Il-konsulenti li jkollhom livell terzjarju ta' edukazzjoni f'suġġett rilevanti għall-agronomija jew li jkollhom esperjenza pruvata ta' mill-inqas għaxar snin f'qasam rilevanti għandhom ikunu kunsidrati li jaqdu r-rekwiżiti tas-sub-regolament (1).

(3) Id-Direttur għandu jistabbilixi, sa mhux aktar tard mill-26 ta' Novembru, 2013, sistemi ta' ċertifikazzjoni u l-Awtorità għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom. Dawn iċ-ċertifikati għandhom, bħala minimu, jipprovdu evidenza ta' għarfien suffiċjenti tas-suġġetti elenkati fl-iSkeda I, miksuba mill-utenti professjonali, distributuri u konsulenti jew billi jgħaddu minn taħriġ jew inkella b'mezzi oħrajn. Is-sistemi ta' ċertifikazzjoni għandhom

jinkludu rekwiżiti u proċeduri għall-għotja, rinnovar u ritirar taċ-ċertifikati.

Rekwiżiti għall-bejgħ tal-pestiċidi.

5. (1) Id-Direttur għandu jiżgura li d-distributuri jkollhom biżżejjed persunal fl-impjieg tagħhom illi jkollhom iċ-ċertifikat imsemmi fir-regolament 4(3). Ċertifikati msemmija fir-regolament 4(3) għandhom jiġu murija fil-punt tal-bejgħ. Dawn il-persuni għandhom ikunu disponibbli fil-ħin tal-bejgħ sabiex jipprovdu informazzjoni adegwata lill-klijenti rigward l-użu tal-pestiċidi, ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem, u tal-ambjent u istruzzjonijiet ta' sigurtà għall-ġestjoni ta' dawn ir-riskji għall-prodotti konċernati. Dawk il-mikro distributuri li jbiegħu biss prodotti għall-użu mhux professjonali jistgħu jiġu eżentati, jekk iressqu talba bil-miktub lid-Direttur illi fiha għandhom jagħtu r-raġunijiet għalfejn huma għandhom jiġu eżentati, jekk ma jbiegħux formulazzjonijiet ta' pestiċidi klassifikati bħala tossiċi, tossiċi ħafna, kanċeroġeni, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni skont ir-Regolamenti dwar Sustanzi Perkolużi. S.L. 427.14

(2) Id-Direttur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirrestrinġi l-bejgħ tal-pestiċidi awtorizzati għall-użu professjonali lill-persuni illi għandhom iċ-ċertifikat imsemmi fir-regolament 4(4) ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Id-Direttur għandu jeħtieġ li d-distributuri illi jbiegħu l-pestiċidi lill-utenti mhux professjonali jipprovdu informazzjoni ġenerali bil-miktub dwar ir-riskji tal-użu tal-pestiċidi għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, b'mod partikolari dwar il-perikli, l-espożizzjoni, il-ħżin approprjat, l-immaniġġar, l-applikazzjoni u r-rimi sigur konformement mal-liġi Komunitarja dwar l-iskart, kif ukoll rigward alternattivi b'riskju baxx. Id-Direttur jista' jitlob li jingħata kull informazzjoni meħtieġa sabiex jilħaq deċiżjoni fuq it-tagħrif li jiġi provdut skont dan is-sub-regolament.

(4) Il-miżuri previsti fis-subregolamenti (1) u (2) għandhom jiġu stabbiliti b'Avviż fil-Gazzetta sa mhux aktar tard mis-26 ta' Novembru, 2015.

Tagħrif u sensibilizzazzjoni.

6. (1) Id-Direttur għandu jieħu miżuri sabiex jinforma lill-pubbliku ġenerali u sabiex jiffaċilita programmi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni u d-disponibilità ta' informazzjoni preċiża u bilanċjata li jkollha x'taqsam mal-pestiċidi għall-publiku ġenerali, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji u l-effetti akuti u kroniċi fuq is-saħħa tal-bniedem, organiżmi li l-pestiċidi ma ġewx applikati għalihom u l-ambjent liema riskji, effetti akuti u kroniċi jkunu kawżati mill-użu tal-pestiċidi u l-użu ta' alternattivi mhux kimiċi.

(2) Id-Direttur għandu jistabbilixxi sistemi sabiex tinġabar l-informazzjoni fuq l-inċidenti akuti ta' avvelenament, kif ukoll ta' żviluppi ta' avvelenament kroniku, meta dawn ikunu disponibbli, fost gruppi oħrajn li jistgħu jiġu esposti regolarment għall-pestiċidi bħalma huma operaturi, ħaddiema agrikoli jew persuni li jgħixu fil-viċinanza ta' postijiet fejn tiġi applikata l-pestiċida.

Tagħmir ta' applikazzjoni tal-pestiċidi.

7. (1) It-tagħmir tal-applikazzjoni tal-pestiċidi fl-użu professjonali għandu jkun soġġett għal ispezzjonijiet f'intervalli regolari. L-intervall bejn l-ispezzjonijiet m'għandux jeċċedi l-ħames snin sas-sena 2020 u m'għandux jaqbeż it-tliet snin wara din is-sena.

Ispezzjoni tat-tagħmir illi jkun qiegħed jintuża.

(2) Sa mhux aktar tard mill-26 ta' Novembru, 2016, it-tagħmir tal-applikazzjoni tal-pestiċidi għandu jkun ġie spezzjonat għal mill-inqas darba. Wara din id-data, it-tagħmir li jkun jista' jintuża professjonalment jkun biss dak it-tagħmir li jkun għadda l-ispezzjoni. Tagħmir ġdid għandu jiġi spezzjonat għallinqas darba fil-ħames snin ta' wara illi dan ikun inxtara.

(3) B'deroga mis-subregolamenti (1) u (2), u wara li ssir verifika tar-riskju għas-saħħa umana u għall-ambjent inkluża l-valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent inkluża valutazzjoni tar-rata ta' użu tat-tagħmir, id-Direttur jista':

(a) japplika skedi ta' żmien u intervalli ta' spezzjoni differenti għat-tagħmir ta' applikazzjoni tal-pestiċidi li ma jintużax għall-bexx tal-pestiċidi, għal tagħmir ta' applikazzjoni tal-pestiċidi li jinżamm fl-idejn jew apparat għall-bexx li jiddendel fuq id-dahar u għal tagħmir ta' applikazzjoni ta' pestiċidi addizzjonali li jirrappreżenta rata ta' użu baxxa ħafna, kif hemm fl-iSkeda V, u li għandu jiġi elenkat fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali stipulat fir-regolament 3. It-tagħmir ta' applikazzjoni ta' pestiċidi addizzjonali li ġejjin qatt ma jistgħu jiġu ikkunsidrati li jirrappreżentaw rata ta' użu baxxa ħafna:

(i) apparat tal-bexx li jiddendel ma' ferrovija jew ajruplan;

(ii) driegħ tal-bexxiex akbar minn 3m, inklużi dawk armati fuq tagħmir u għat-taħwil;

(b) jeżenta mill-ispezzjoni tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi li jinżamm fl-idejn jew apparat għall-bexx li jiddendel fuq id-dahar. F'dan il-każ, id-Direttur għandu jiżgura li l-operaturi jiġu infurmati dwar il-bżonn li l-aċċessorji jinbidlu b'mod regolari, dwar ir-riskji speċifiċi marbuta ma' dak it-tagħmir, u li l-operaturi jkunu ġew imħarrġa għall-użu adegwat ta' dak it-tagħmir ta' applikazzjoni skont ir-regolament 4.

(4) (a) L-ispezzjonijiet għandhom jivverifikaw li t-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pesitiċidi jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti elenkati fl-Iskeda II, sabiex jintlaħaq livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

(b) Għandu jiġi preżunt li t-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi li jikkonforma mal-i*standards* armonizzati żviluppati skont ir-regolament 8(2) tar-Regolamenti dwar il-Makkinajru hu konformi mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà. L.S. 427.36

(5) L-utenti professjonisti għandhom iwettqu kalibrazzjonijiet u kontrolli tekniċi regolari tat-tagħmir ta' applikazzjoni ta' pestiċidi skont it-taħriġ adegwat riċevut kif previst fir-regolament.

(6) (a) Id-Direttur għandu jaħtar korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' spezzjoni u jgħarraf lill-Kummissjoni bihom. Il-lista ta' dawn il-korpi hekk maħtura għandha tkun disponibbli pubblikament.

(b) Id-Direttur għandu jistabbilixxi sistemi ta' ċertifikazzjoni mfasslin sabiex jippermettu l-verifika tal-ispezzjonijiet u jirrikonoxxu ċ-ċertifikati mogħtija fi Stati Membri oħrajn skont ir-rekwiżiti msemmija fis-subregolament (4) u meta perjodu ta' żmien mill-aħħar spezzjoni mwettqa fi Stat Membru ikun jew daqs jew iqsar mill-perjodu ta' żmien ta' spezzjoni applikabbli fit-territorju tiegħu stess.

(ċ) Id-Direttur għandu jirrikonoxxi ċ-ċertifikati maħruġin fi Stati Membri oħrajn jekk kemm-il darba jkun hemm konformità mal-intervalli ta' spezzjoni msemmija fis-subregolament (1).

Użu u prattiċi speċifiċi - bexx mill-ajru.

8. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), il-bexx mill-ajru għandu jkun projbit.

(2) Fuq parir tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi l-bexx mill-ajru jista' jkun permess biss f'każijiet speċjali kemm-il darba jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma jkunx hemm alternattivi vijabbli oħrajn, jew ikun hemm vantaġġi ċari f'termini ta' effett inqas fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent meta mqabbel mal-applikazzjoni tal-pestiċidi mill-art;

(b) il-pestiċidi użati għandhom ikunu approvati espliċitament għall-bexx mill-ajru mid-Direttur wara valutazzjoni speċifika li tindirizza r-riskju tal-bexx mill-ajru;

(ċ) l-operatur li jbexxex mill-ajru għandu jkollu ċertifikat kif imsemmi fir-regolament 4(3). Matul il-perjodu

transitorju, meta s-sistemi ta' ċertifikazzjoni ma jkunux għadhom ġew stabbiliti, id-Direttur jista' jaċċetta prova oħra ta' għarfien suffiċjenti;

(d) l-intrapriża responsabbli għall-forniment ta' applikazzjonijiet għall-bexx mill-ajru għandha tkun iċċertifikata mill-Awtorità;

(e) jekk l-inħawi li għandhom jitbexxu qegħdin qrib ta' nħawi miftuħin għall-pubbliku, fl-approvazzjoni għandhom jiġu inklużi miżuri speċifiċi ta' immaniġjar tar-riskju biex jiġi żgurat li ma hemmx effetti negattivi fuq is-saħħa ta' persuni li jinsertaw fl-inħawi. L-inħawi fejn ser isir il-bexx m'għandhomx ikunu qrib ħafna ta' nħawi residenzjali;

(f) mill-2013, l-ajruplan għandu jkun mgħammar b'aċċessorji li jikkostitwixxu l-aħjar teknoloġija disponibbli biex inaqqsu t-tifrix tal-bexx.

(3) (a) L-Awtorità għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċifiċi li bihom jista' jitwettaq il-bexx mill-ajru, għall-analiżi ta' talbiet skont is-subregolament (4) sabiex jirrendu pubblika l-informazzjoni dwar l-uċuh tar-raba', iż-żoni, iċ-ċirkostanzi u r-rekwiżiti partikolari għall-aplikazzjoni inklużi kondizzjonijiet tat-temp meta jista' jkun permess il-bexx mill-ajru.

(b) Fl-approvazzjoni, l-Awtorità għandha tispeċifika l-miżuri meħtieġa għat-twissija lir-residenti u l-persuni fil-qrib fi żmien xieraq u għall-ħarsien tal-ambjent qrib iż-żona mbexxa.

(4) Utent professjonali li jixtieq japplika pestiċidi permezz ta' bexx mill-ajru għandu jippreżenta talba għall-approvazzjoni ta' pjan ta' applikazzjoni lill-Awtorità kompetenti sabiex japplika pestiċidi permezz ta' bexx mill-ajru flimkien ma' provi li juru li l-kondizzjonijiet msemmijin fis-subregolamenti (2) u (3) huma soddisfatti. It-talba għall-bexx mill-ajru skont il-pjan ta' applikazzjoni tal-istess bexx mill-ajru għandha tiġi preżentata fi żmien għaxart ijiem utli qabel id-data li fiha jkun maħsub illi jsir l-istess bexx mill-ajru u din it-talba għandha ssir lill-Awtorità. It-talba għandu jkollha informazzjoni dwar iż-żmien provviżorju għall-applikazzjoni tal-bexx u l-ammonti u tip ta' pestiċidi applikati.

(b) F'ċirkostanzi partikolari, bħal ma huma sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew sitwazzjonijiet ta' diffikultà, talbiet uniċi ta' applikazzjoni ta' bexx mill-ajru jistgħu wkoll jitressqu għall-approvazzjoni tal-Awtorità. Meta ikun ġustifikat, l-Awtorità kompetenti għandu jkollha l-possibbiltà li tapplika proċedura

mgħaġġla sabiex tivverifika li l-kondizzjoniet imsemmija fis-subregolamenti (2) u (3) jiġu soddisfatti qabel ma jsir il-bexx mill-ajru.

(5) Id-Direttur għandu jiżgura li l-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregolamenti (2) u (3) jintlaħqu billi jsir il-monitoraġġ xieraq.

(6) L-Awtorità għandha żżomm reġistru tat-talbiet u l-approvazzjonijiet imsemmijin fis-subregolament (4) u għandha tagħmel disponibbli lill-pubbliku l-informazzjoni rilevanti msemmija bħalma huma ż-żona li għandha tiġi mbexxa, il-ġurnata u l-ħin provviżorji tal-bexx u t-tip ta' pestiċida, skont il-liġi nazzjonali jew Komunitarja applikabbli.

Informazzjoni lill-pubbliku.

9. Id-Direttur jista' jinkludi fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dispożizzjonijiet sabiex jinforma lill-persuni li jistgħu jiġu esposti għat-tifrix tal-bexx.

Miżuri speċifiċi għall-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku u l-ilma tax-xorb.
L.S. 423.20
L.S. 430.01

10. (1) Id-Direttur għandu jiżgura li jittieħdu miżuri xierqa għall-ħarsien tal-ambjent akkwatiku u l-provvisti tal-ilma tax-xorb mill-impatt tal-pestiċidi. Dawk il-miżuri għandhom jappoġġjaw u jkunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 kif implimentat bir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti.

(2) Il-miżuri previsti fis-subregolament 1 għandhom jinkludu:

(a) li tingħata preferenza lill-pestiċidi li mhumiex ikklassifikati bħala perikolużi għall-ambjent akkwatiku skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-Regolamenti dwar Sustanzi u Preparazzjonijiet Perikolużi u lanqas li jkollhom sustanzi perikolużi ta' prijorità kif stabbilit bir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma; S.L. 427.28 S.L. 423.20

(b) li tingħata preferenza lit-tekniċi ta' applikazzjoni l-aktar effiċjenti, bħall-użu ta' tagħmir għall-applikazzjoni ta' pestiċidi b'tifrix minimu (*low-drift*) speċjalment fuq prodotti vertikali bħall-pjanta tal-*hops* u dawk li jinstabu f'ġonna tas-siġar tal-frott u fl-għelieqi tad-dwieli;

(ċ) l-użu ta' miżuri ta' mitigazzjoni li jimminizzaw ir-riskju tat-tniġġiż lil hinn mis-sit ikkawżat mit-tifrix tal-bexx, il-flussi tal-katusi u t-tnixxijat. Dawn għandhom jinkludu, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' zoni ta' separazzjoni ta' daqs xieraq għall-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi mhux immirati u zoni ta' salvagwardja għall-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art użati għall-astrazzjoni ta' ilma tax-xorb, meta l-pestiċidi

m'għandhomx jintużaw jew jinħażnu;

(d) it-tnaqqis kemm jista' jkun jew l-eliminazzjoni jekk ikun xieraq, ta' applikazzjonijiet fuq jew tul toroq, linji tal-ferrovija, uċuh permeabbli ħafna jew infrastruttura oħra qrib l-ilma tal-wiċċ jew ilma ta' taħt l-art, jew fuċ uċuh issiġġilati b'riskju għoli ta' tnixxijat ġo sistemi tal-ilma tal-wiċċ jew tad-dranaġġ.

Tnaqqis tal-użu jew ir-riskju tal-pestiċidi f'zoni speċifiċi.

11. (1) Id-Direttur għandu, filwaqt li jqis kif jixraq ir-rekwiżiti ta' iġjene u saħħa pubblika u l-bijodiversità meħtieġa, jew ir-riżultati ta' valutazzjonijiet ta' riskju rilevanti, jiżgura li l-użu tal-pestiċidi jkun minimizzat jew ipprojbit f'ċerti zoni speċifiċi. Il-pestiċidi għandhom jiġu applikati waqt il-perjodu ta' attività umana baxxa bħalma huwa matul il-lejl kif ikun meqjus l-aktar idoneju u jista' jiġi stabbilit f'dokument ta' gwida provdut mid-Direttur. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa għall-immaniġġjar tar-riskju u l-użu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti kif imfisser fir-Regolament (KE) Nru. 1107/2009 kif implimentat bir-Regolamenti li jimplimentaw ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti u miżuri ta' kontroll bioloġiku għandhom jiġu meqjusa mill-ewwel. L-oqsma speċifiċi huma dawn li ġejjin:

L.S. 430.07

(a) żoni użati mill-pubbliku ġenerali jew minn gruppi vulnerabbli kif hemm fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru. 1107/2009 kif implimentat mir-Regolamenti li jimplimentaw ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti, bħalma huma *parks* u ġonna pubbliċi, *grounds* tal-i*sports* u tar-rikreazzjoni, artijiet u btieħi tal-iskejjel, postijiet fejn jilagħbu t-tfal u qrib ħafna ta' faċilitajiet ta' kura medika;

L.S. 430.07

L.S. 423.20

(b) żoni protetti kif hemm fir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma u żoni oħrajn identifikati għall-għanijiet li jiġu stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi u Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali;

L.S. 504.71

L.S. 504.73

(ċ) żoni trattati reċentement użati minn jew aċċessibbli għall-ħaddiema agrikoli.

Immaniġġjar u ħżin tal-pestiċidi u trattament tal-ippakkjar u l-fdalijiet tagħhom.

12. (1) Id-Direttur għandu jadotta l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li l-operazzjonijiet li ġejjin minn utenti professjonali u meta jkun japplika minn distributuri ma jipperikolawx is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent.

(a) il-ħżin, l-immaniġġar, id-dilwizzjoni u t-taħlit tal-pestiċidi qabel l-applikazzjoni;

(b) l-immaniġġar tal-ippakkjar u l-fdalijiet tal-pestiċidi;

(ċ) ir-rimi tat-taħlitiet tat-tankijiet li jifdal wara l-applikazzjoni;

(d) it-tindif tat-tagħmir użat wara l-applikazzjoni;

(e) l-irkupru jew ir-rimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi u l-imballaġġi tagħhhom skont il-liġi Komunitarja dwar l-iskart.

(2) Id-Direttur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa fir-rigward tal-pestiċidi awtorizzati għal utenti mhux professjonali biex jevitaw operazzjonijiet ta' maniġġar perikoluż. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu l-użu ta' pestiċidi ta' tossiċità baxxa, formulazzjonijiet imħejjijin minn qabel għall-użu u limiti fuq id-daqsijiet ta' kontenituri ta' ippakkjar.

(3) Il-pesitiċidi msemmijin fis-subregolament (2) biss jistgħu jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali.

(4) Id-Direttur għandu jiżgura li ż-żoni tal-ħżin tal-pestiċidi għall-użu professjonali jiġu mibnija b'mod li jiġu evitati rilaxxi mhux mixtieqa. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-post, id-daqs u l-materjali ta' kostruzzjoni.

Ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara.

13. (1) Id-Direttur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi promossa l-ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara b'użu baxx ta' pestiċidi, filwaqt li, meta jkun possibbli, tingħata prijorità lil metodi mhux kimiċi, sabiex l-utenti professjonali tal-pestiċidi jaqilbu għal prodotti u prattika bl-aktar riskju baxx għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent fost dawk disponibbli għall-istess organiżmi ta' ħsara. Ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara b'użu baxx ta' pestiċidi tinkludi ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara kif ukoll biedja organika skont ir-Regolamenti dwar Biedja Organika. L.S. 427.54

(2) Id-Direttur għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara. B'mod partikolari, id-Direttur għandu jiżgura li l-utenti professjonali jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom informazzjoni u għodod għall-monitoraġ ta' organiżmi ta' ħsara u għat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll servizzi ta' konsulenza dwar ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara.

(3) Sat-30 ta' Ġunju, 2013, id-Direttur għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-subregolamenti (1) u (2), u, b'mod partikolari, jekk il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara ġewx implimentati.

(4) Id-Direttur għandu jiddeskrivi fil-Pjan ta' Azzjonali Nazzjonali kif il-prinċipji ġenerali tal-immaniġġar integrat ta' organiżmi ta' ħsara kif stabbilit fl-iSkeda III ser jiġu implimentati mill-utenti kollha tal-pestiċidi professjonali sal-1 ta' Jannar, 2014.

(5) Id-Direttur għandu jistabbilixi l-inċentivi xierqa sabiex iħeġġu lill-utenti professjonali jimplimentaw linji gwida speċifiċi għall-użu tar-raba' jew għas-settur għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara fuq bażi volontarja. L-Awtoritàjiet pubbliċi u, jew organizazzjonijiet li jirrappreżentaw utenti professjonali partikolari jistgħu jfasslu dawn il-linji gwida. Id-Direttur għandu jirreferi għal dawk il-linji gwida li huma kunsidrati rilevanti u xierqa fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali.

Indikaturi, rappurtar u skambju ta' informazzjoni.

14. (1) Għandhom jiġu stabbiliti l-indikaturi tar-riskju kif imsemmjin fl-Iskeda IV. Madankollu, id-Direttur jista' jkompli jibqa' juża l-indikaturi nazzjonali eżistenti jew jadotta indikaturi oħrajn b'żjieda ma' dawk armonizzati.

(2) Id-Direttur għandu:

(a) jikkalkula l-indikatur tar-riskju armonizzat kif imsemmi fis-subregolament (1) bl-użu ta' *data* statistika miġbura konformement mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-istatistika ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti flimkien ma' *data* rilevant oħrajn;

(b) jidentifika tendenzi fl-użu ta' ċerti sustanzi attivi;

(ċ) jidentifika artikoli ta' prijorità, bħalma huma sustanzi attivi, uċuħ tar-raba', reġjuni jew prattika, li jeħtieġu attenzjoni partikolari jew prattika tajba li jistgħu jintużaw bħala eżempji sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dawn ir-regolamenti sabiex jitnaqqsu r-riskju u l-impatti tal-użuh tal-pestiċidji fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent u sabiex jiġi inkoraġġut l-iżvilupp u l-introduzzjoni tal-immaniġġar tal-ġestjoni jew ta' approċċi jew tekniki alternattivi sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq l-użu tal-pestiċidi.

(3) Id-Direttur għandu jikkomunika ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet li jkunu saru skont is-subregolament (2) lill-Kommissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn u għandu jagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

Pieni.

15. (1) Il-pieni stabbiliti għall-ksur ta' kwalunkwe disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu dawk stabbiliti permezz tal-artikolu 9 tal-Att.

Drittijiet u spejjeż.

16. (1) Id-Direttur jista' jirkupra l-ispejjeż kollha li tkun inkorriet l-Awtorità fil-provvista tas-servizzi kollha u, jew tal-qadi tal-funzjonijiet tiegħu naxxenti minn dawn ir-regolamenti permezz ta' miżata jew it-talba għall-ħlas ta' dritt.

(2) Il-miżata jew id-dritt pretiż skont is-subregolament (1) għandha tiġi stabbilita b'mod trasparenti u għandha tikkorrispondi għall-ispiża attwali inkorsa mill-Awtorità fir-rigward tas-servizz partikolari fornut jew tal-funzjoni partikolari moqdija. Id-Direttur għandu jippublika l-lista bil-miżati u, jew drittijiet fil-Gazzetta.

(3) Id-Direttur għandu jiddeċiedi min għandha tkun il-persuna li tkun responsabbli għall-ħlas ta' dak id-dritt u, jew miżata. F'dik id-deċiżjoni, id-Direttur għandu jqis min ikun talab il-fornitura tas-servizz u, jew fuq talba ta' min tkun ġiet il-funzjoni partikolari moqdija. F'każ li jkun hemm ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur jista' jiddeċiedi wkoll li l-persuna responsabbli għal dak il-ksur, barra milli jkollha twieġeb għall-ispejjeż kollha kif stipulat fis-subregolament (1), għandha twieġeb ukoll għal kull ħsara u, jew spejjeż oħrajn li l-Awtorità tinkorri bħala konsegwenza ta' dak il-ksur.

(4) Il-ħlasijiet kollha stipulati f'dan ir-regolament, inklużi ukoll l-ispejjeż inkorsi mill-Awtorità f'każ ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti, għandhom ikunu meqjusa bħala dejn ċivili dovuti lill-istess Awtorità.

B 5956

SKEDA I

Suġġetti ta' taħriġ imsemmijin fir-regolament 4

1. Il-liġi rilevanti kollha rigward il-pestiċidi u l-użu tagħhom.

2. L-eżistenza u r-riskju tal-prodotti illegali (iffalsifikati) għall-protezzjoni tal-pjanti, u l-metodi ta' identifikazzjoni ta' prodotti ta' dan it-tip.

3. Il-perikli u r-riskji assoċjati mal-pestiċidi, u kif jiġu identifikati u ikkontrollati, b'mod partikolari:

(a) ir-riskji lill-bniedem (operaturi, residenti, persuni fil-qrib, persuni li jidħlu f'żoni trattati u dawk li jmissu jew jieklu l-oġġetti trattati) u kif fatturi bħal ma hu t-tipjip jaggravaw dawn ir-riskji;

(b) is-sintomi tal-avvelenament bil-pestiċidi u l-miżuri tal-ewwel għajnuna;

(ċ) ir-riskji għall-pjanti mhux fil-mira, l-insetti li huma ta' benefiċċju, il-flora u l-fawna salvaġġa, il-bijodiversità u l-ambjent b'mod ġenerali.

4. Kunċetti dwar strateġiji u metodi għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, strateġiji u metodi għall-ġestjoni integrata tal-uċuh tar-raba', prinċipji tal-biedja organika, metodi ta' kontroll bijoloġiku ta' organiżmi ta' ħsara, informazzjoni dwar il-prinċipji ġenerali u l-linji gwida speċifiċi għall-uċuh tar-raba', jew għas-settur għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara.

5. Bidu tal-valutazzjoni komparattiva fil-livell tal-utent biex tgħin lill-utenti professjonali jagħmlu l-aktar għażliet xierqa dwar il-pestiċidi bl-inqas effetti sekondarji fuq is-saħħa tal-bniedem, l-organiżmi mhux fil-mira u l-ambjent minn fost il-prodotti kollha awtorizzati għal problema speċifika ta' organiżmu ta' ħsara, f'sitwazzjoni speċifika.

6. Miżuri biex jiġu minimizzati r-riskji lill-bniedem, lil organiżmi mhux fil-mira u lill-ambjent, prattika operattiva sigura għall-ħżin, l-immaniġġar u t-taħliet tal-pestiċidi, u r-rimi ta' ippakjar vojt, materjal ieħor ikkontaminat u pestiċidi żejda li jifdal (inklużi taħlitiet f'tankijiet), kemm jekk f'għamla konċentrata kif ukoll jekk dilwita, l-metodu rakkommandat għall-kontroll tal-espożizzjoni tal-operatur (tagħmir ta' protezzjoni personali).

7. Metodi bbażati fuq ir-riskju li jqisu l-varjazzjonijiet lokali tal-ġbir tal-ilma, bħall-klima, il-ħamrija u tipi ta' wċuh tar-raba', u l-għoli tal-art.

8. Proċeduri ta' preparazzjoni għat-tħadim ta' tagħmir ta' applikazzjoni ta' pestiċidi, li jkun jinkludi l-ikkalibrar tiegħu u għat-tħaddim tiegħu b'riskji minimi għall-utent, bnedmin oħrajn, speċi ta' annimali u pjanti mhux fil-mira, il-

bijodiversità u l-ambjent, li jkun jinkludi r-riżorsi tal-ilma.

9. L-użu tat-tagħmir għall-applikazzjoni ta' pestiċidi u l-manutenzjoni tiegħu, u metodi speċifiċi ta' bexx (eż. bexx b'volum żgħir u żnienen li ma jferrxux ħafna), kif ukoll l-objettivi tal-verifika teknika tal-bexxiexa fl-użu u modi kif tittejjeb il-kwalità tal-bexx. Riskji speċifiċi marbuta mal-użu ta' tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi li jinżamm bl-idejn, jew tal-apparat għall-bexx li jiddendel fuq id-dahar u l-miżuri rilevanti għall-ġestjoni tar-riskju.

10. Azzjoni ta' emerġenza biex tipproteġi s-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, inklużi r-riżorsi tal-ilma f'każ ta' tixrid aċċidentali, kontaminazzjoni u avvenimenti meteoroloġiċi estremi li jirriżultaw f'riskji ta' lissija tal-pestiċidi.

11. Kura speċjali f'żoni protetti stabbiliti skont ir-regolamenti 6 u 7 tar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma.

12. Monitoraġġ tas-saħħa u faċilitajiet ta' aċċess għar-rappurtar dwar kull inċident jew inċident suspettat.

13. Iż-żamma ta' reġistru għal kull użu ta' pestiċidi, konformement mal-liġi rilevanti.

SKEDA II

Rekwiżiti ta' saħħa u sigurtà u dawk ambjentali marbutin mal-ispezzjoni tat-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi

L-ispezzjoni tat-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi għandha tkopri l-aspetti kollha li huma importanti biex jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u ħarsien għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Għandha tiġi żgurata effettività sħiħa tal-operazzjoni ta' applikazzjoni permezz ta' tħaddim tajjeb tal-apparat u l-funzjonijiet tat-tagħmir biex ikun garantit li l-objettivi li ġejjin jintlaħqu.

It-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi għandu jiffunzjona b'mod affidabbli u jintuża sew għall-finijiet intenzjonati tiegħu filwaqt li jiġi żgurat li l-pestiċidi jistgħu jiġu ddożati u distribwiti b'mod preċiż. It-tagħmir għandu jkun f'dik il-kondizzjoni li jkun jista' jimtela' u jitbattal b'mod sigur, faċli u sħiħ u li jimpedixxi t-tnixxija ta' pestiċidi. Huwa għandu jippermetti wkoll tindif faċli u fil-fond. Huwa għandu jiżgura wkoll tħaddim sigur, u jkun jista' jiġi kontrollat u jkun kapaċi jiġi mwaqqaf minnufih min-naħa tal-operaturi meta jkun meħtieġ, l-aġġustamenti għandhom ikunu sempliċi, preċiżi u kapaċi jiġu riprodotti.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil:

1. Apparat għat-trasmissjoni tal-enerġija.

Il-parti protettiva tal-*power take-off drive shaft* u l-parti protettiva tal-*power input connection* għandhom ikunu mmuntati u f'kondizzjoni tajba u t-tagħmir protettiv u kull apparat tat-trasmissjoni tal-enerġija li tiċċaqlaq jew iddur m'għandhomx ikunu affettwati fit-tħaddim tagħhom sabiex jkun żgurat l-ħarsien tal-operatur.

2. Pompa

Il-kapaċità tal-pompa għandha tkun adatta għall-ħtiġiet tat-tagħmir u l-pompa għandha taħdem sewwa sabiex tiżgura rata ta' applikazzjoni stabbli u affidabbli. Ma għandu jkun hemm l-ebda tnixxija mill-pompa.

3. Aġitazzjoni

It-tagħmir għall-aġitazzjoni għandu jiżgura ċirkolazzjoni mill-ġdid tajba sabiex tinkiseb konċentrazzjoni uniformi fil-volum kollu tat-taħlita likwida tal-bexx fit-tank.

4. Tank tal-bexx likwidu

It-tankijiet tal-bexx, inklużi l-indikatur tal-kontenut tat-tank, it-tagħmir għall-mili, il-passaturi u l-filtri, is-sistemi ta' żvujtar u tlaħliħ, u l-apparat għat-taħlit, għandhom joperaw b'dak il-mod li jkunu minimizzati tixrid aċċidentali, distribuzzjonijiet mhux uniformi ta' konċentrazzjoni, espożizzjoni tal-operatur u kontenut residwu.

5. Sistemi ta' kejl u sistemi ta' kontroll u regolazzjoni

L-apparat kollu għall-kejl, biex titfi u tixgħel u għall-aġġustament tal-pressjoni u, jew ir-rata tal-fluss għandhom ikunu kkalibrati sew u jaħdmu sew u m'għandu jkun hemm l-ebda tnixxija. Il-kontroll tal-pressjoni u l-operazzjoni tal-apparat għall-aġġustament tal-pressjoni għandu jkun jista' jsir faċilment matul l-applikazzjoni. L-apparat għall-aġġustament tal-pressjoni għandu jżomm pressjoni kostanti waqt l-operat b'tidwir kostanti tal-pompa, sabiex ikun żgurat li tiġi applikata rata stabbli tal-volum tal-applikazzjoni.

6. Pajpijiet u manek

Il-pajpijiet u l-manek għandhom ikunu f'kondizzjoni tajba biex jiġu evitati disturbi tal-fluss tal-likwidu jew tixrid aċċidentali fil-każ ta' ħsara. Ma għandu jkun hemm l-ebda tnixxija mill-pajpijiet jew mill-manek meta jitħaddmu bil-pressjoni massima li tista' tintlaħaq mis-sistema.

7. Filtrar

Sabiex ikunu evitati t-turbolenza u l-eteroġeneità fil-modi kif joħroġ il-bexx, il-filtri għandhom ikunu f'kondizzjoni tajba u d-daqs tax-xibka tal-

filtri għandu jikkorrispondi għad-daqs taż-żnienen immuntati fuq il-bexxiex. Meta jkun japplika, is-sistema li tindika li l-*filter* ikun miżdud għandha taħdem sewwa.

8. Id-driegħ tal-bexxiex (għal tagħmir li jbexxex il-pestiċidi permezz ta' driegħ ippożizzjonat orizzontalment, li jinsab qrib il-wiċċ tar-raba' jew il-materjal li jrid jiġi trattat)

Id-driegħ tal-bexxiex għandu jkun f'kondizzjoni tajba u stabbli fid-direzzjonijiet kollha. Is-sistemi tal-immuntar u l-aġġustament u t-tagħmir biex jittaffa ċ-ċaqliq mhux intenzjonat u għall-kumpens tal-pendil għandhom jaħdmu b'mod tajjeb.

9. Żnienen

Iż-żnienen għandhom jaħdmu sewwa biex jikkontrollaw it-taqtir meta jieqaf il-bexx. Biex tkun żgurata l-omoġeneità ta' kif joħroġ il-bexx, ir-rata tal-fluss ta' kull żennuna individwali m'għandhiex tvarja b'mod sinifikanti mid-data fit-tabelli tar-rata tal-fluss ipprovduti mill-manifattur.

10. Distribuzzjoni

Id-distribuzzjoni trasversali u vertikali (fil-każ ta' applikazzjonijiet f'uċuħ tar-raba' vertikali) tat-taħlita tal-bexx fiż-żona ta' mira għandhom ikunu uniformi, fejn rilevanti.

11. *Blower* (għal tagħmir li jbexxex il-pestiċidi permezz tal-arja)

Il-*blower* għandu jkun f'kondizzjoni tajba u għandu jiżgura fluss stabbli u affidabbli tal-arja.

SKEDA III

Prinċipji ġenerali tal-Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara

1. Il-prevenzjoni u, jew it-trażżin ta' organiżmi ta' ħsara għandhom jinkisbu jew jiġu appoġġati fost għażliet oħra b'mod partikolari permezz ta':

- ir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba',

- l-użu ta' tekniki ta' kultivazzjoni adegwati (eż., it-teknika tal-użu ta' ħammiela mhux friska, l-għażla ta' żmien iż-żrigħ u tad-densitajiet, iż-żrigħ bil-ftit, it-tħaddim tal-ħamrija biex tiġi kkonservata, iż-żbir u ż-żrigħ dirett),

- l-użu, fejn xieraq, ta' *cultivars* reżistenti/tolleranti u żerriegħa u materjal ta' taħwil *standard*/iċċertifikati,

- l-użu ta' prattika bilanċjata ta' fertilizzazzjoni, ta' trattament bil-ġir u ta' tisqija/skular tal-ilma,

- il-prevenzjoni tal-firxa ta' organiżmi ta' ħsara b'miżuri ta' iġjene (eż. permezz ta' tindif regolari ta' makkinarju u tagħmir),

- il-protezzjoni u t-tisħiħ ta' organiżmi ta' benefiċċju importanti, eż. b'miżuri adegwati għall-protezzjoni tal-pjanti jew l-użu ta' infrastrutturi ekoloġiċi ġo u barra mis-siti ta' produzzjoni.

2. L-organiżmi ta' ħsara għandhom jiġu mmonitorjati b'metodi u għodod adegwati, meta disponibbli. Għodod adegwati bħal dawn għandhom jinkludu osservazzjonijiet fil-post kif ukoll sistemi ta' twissija, previżjoni u dijanjosi bikrija li jkunu xjentifikament tajbin, fejn ikun vijabbli, kif ukoll l-użu ta' parir minn konsulenti professjonali kwalifikati.

3. L-utent professjonali għandu jiddeċiedi jekk għandux japplika l-miżuri għall-protezzjoni tal-pjanti u meta, abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ. Valuri ta' limitu robusti u xjentifikament tajbin huma komponenti essenzjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Għall-organiżmi ta' ħsara għandhom jitqiesu l-livelli ta' limitu definiti għar-reġjun, iż-żoni speċifiċi, l-uċuħ tar-raba u l-kondizzjonijiet klimatiċi partikolari qabel it-trattament, meta vijabbli.

4. Metodi sostenibbli bijoloġiċi, fiżiċi u mhux kimiċi oħrajn għandhom ikunu preferuti fuq metodi kimiċi jekk huma jipprovdu kontroll sodisfaċenti tal-organiżmi ta' ħsara.

5. Il-pestiċidi applikati għandhom ikunu speċifiċi kemm jista' jkun għall-mira u għandu jkollhom l-inqas effetti sekondarji fuq is-saħħa tal-bniedem, l-organiżmi mhux fil-mira u l-ambjent.

6. L-utent professjonali għandu jżomm l-użu tal-pestiċidi u forom oħra ta' intervent għal-livelli meħtieġa, eż. b'dożi mnaqqsin, frekwenza ta' applikazzjoni mnaqqsa jew applikazzjonijiet parzjali, filwaqt li jiġi kunsidrat li l-livell ta' riskju fil-veġetazzjoni huwa aċċettabbli u li huma ma jżidux ir-riskju għall-iżvilupp ta' reżistenza fil-popolazzjonijiet tal-organiżmi ta' ħsara.

7. Meta jkun magħruf ir-riskju ta' reżistenza kontra miżura għall-protezzjoni tal-pjanti u fejn il-livell tal-organiżmi ta' ħsara jeħtieġ applikazzjoni ripetuta ta' pestiċidi għall-uċuħ tar-raba', għandhom jiġu applikati strateġiji disponibbli ta' kontra r-reżistenza biex tinżamm l-effettività tal-prodotti. Dan jista' jinkludi l-użu ta' pestiċidi multipli b'modi ta' azzjoni differenti.

8. L-utent professjonali għandu jivverifika s-suċċess tal-miżuri applikati għall-ħarsien tal-pjanti abbażi tar-riżultati dwar l-użu tal-pestiċidi u dwar il-

monitoraġġ tal-organiżmi ta' ħsara.

SKEDA IV

Indikaturi tar-riskju armonizzati

SKEDA V

Spezzjonijiet ta' tagħmir ta' applikazzjoni tal-pestiċidi.

1. It-tagħmir ta' applikazzjoni tal-pestiċidi li ġejjin għandhom jiġu eżentati minn inspezzjonijiet imsemmija fir-regolament 7:

(a) tagħmir ta' applikazzjoni tal-pestiċidi mħaddmin bl-idejn;

(b) apparat għall-bexx li jiddendel fuq id-dahar mħaddem bl-idejn b'tank li ma jesgħax aktar minn 20 litru.

2. L-intervall tal-ispezzjoni fuq apparat għall-bexx li jiddendel fuq id-dahar b'tank li ma jesgħax aktar minn 7 litri u b'magna ta' saħħa mhux aktar minn 2Hp m'għandux jaqbez 5 snin. L-intervall tal-ispezzjoni fuq apparat għall-bexx ieħor li jiddendel fuq id-dahar u li jaħdem mekkanikament m'għandux jaqbeż 4 snin sa 2020 u m'għandux jaqbeż 3 snin wara dan.

3. L-intervall tal-ispezzjoni fuq apparat għall-bexx ieħor mhux msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' din l-iSkeda m'għandux jaqbeż 3 snin sa 2020 u m'għandux jaqbeż sentejn wara dan.
